MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru. 344/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH HERSEY**

**KONTRA**

**MOHAMMED HAGA ta' 19-il sena, iben Abdul Aziz u Shufa, imwieled is-Sirja nhar l-01.01.1991;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi MOHAMMED HAGA li gie akkuzat talli:

1. Fil-jiem ta' qabel it-8 ta' April, 2010 bhala persuna li nizel Malta, naqas li jkollu passaport, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' 'Karta ta' Identita' Griega no 518013462 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-prezentata, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq din l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati skond l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' ghaxar (10) xhur, u dan wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------